## Ġan Anton Vassallo

Ġan Anton Vassallo twieled il-Belt fis-6 ta' Ġunju 1817 minn Vincenzo u Maria Vassallo. Ta' sitt snin beda jattendi skola mmexxija minn saċerdot Malti, Dr Gwakkin Attard, li kien meqjus bħala teologu għaref. Meta telaq minn din l-iskola ta' erbatax-il sena kompla bil-qari ta' poeti klassiċi Taljani.

Fost oħrajn insibu li attenda l-klassijiet ta' Dun Pietru Pawl Psaila u Dun Ġużepp Zammit Brighella, u dan wasslu biex ikun jaf tajjeb il-Malti, it-Taljan, il-Latin, il-Franċiż, l-Għarbi u xi ftit l-Ingliż. Kien ukoll f'dan iż-żmien li beda jikteb diversi poeżiji li fil-biċċa l-kbira tagħhom baqgħu ma ġewx ippubblikati, waqt li oħrajn ixxandru mingħajr ismu.

Ġan Anton Vassallo beda l-kors tal-liġi fl-Università fl-1839 u ħa l-lawrja ta' avukat fl-1842. Huwa ċċelebra dan is-suċċess bil-kitba ta' innu lil San Ivone, protettur tal-avukati. Dan l-innu jinsab fil-kollezzjoni ta' poeżiji tiegħu fil-Bibljoteka. Madankollu l-preferenza tiegħu ma kinitx għall-professjoni legali imma għal-letteratura.

Fl-1844 Vassallo mar Lixandra, l-Eġittu imma reġa' lura Malta wara tlettax-il xahar. Fl-1850 ġie mistieden u aċċetta li jibda jgħallem it-Taljan fil-Liċeo, u fl-1863 laħaq Professur tat-Taljan fl-Università. F'dan iż-żmien huwa ddistingwa ruħu bħala bniedem ta' intelliġenza kbira u valuri morali sodi.

Ta' 25 sena beda jikteb il-poeżija bil-Malti. Kiteb ħafna bijografiji ta' nies Maltin fir-rivista *Arte* (1862-1866) u bit-Taljan ħareġ *La Storia di Malta raccontata in Compendio* (1854). Bil-Malti ħareġ *Storja ta' Malta miktuba għall-poplu Malti* (1862), *Il-ħajja tal-Appostlu Missierna San Pawl* (1858), kif ukoll *Ġesù Kristu fid-Dinja* (1861) u żewġ kotba ta' poeżija, wieħed bl-isem ta' *Ħrejjef* (1861) u ieħor bl-isem ta' *Ħrejjef u Ċajt bil-Malti* (1863). Aktarx li l-aktar xogħol magħruf tiegħu huwa *Il-Ġifen Tork*, epika li kiteb fl-1842. Ħafna poeżiji tiegħu bit-Taljan ingħataw minnu stess lill-Bibljoteka Nazzjonali bħala ġabra waħda. Imma xi

żmien wara Vassallo reġa' darhom u neħħa mill-ġabra dawk li huwa deherlu li ma kinux tal-livell mixtieq u ħalla biss l-aħjar fosthom.

Il-ħsieb letterarju ta' Vassallo jinqasam fi tnejn: fuq naħa hemm il-ġid morali, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra hemm il-gost letterarju. Ried jgħallem daqskemm ried jagħti gost u pjaċir. Iżda bejn il-ġid u l-pjaċir, Vassallo kien jifhem li l-aqwa ħaġa għandha tkun l-effett li joħroġ mill-pjaċir, għax għalih jekk mil-letteratura ma jinsilet ebda ġid, mela l-letteratura tkun ingombru tal-moħħ.

Ġan Anton Vassallo kien juża kemm il-Malti kif ukoll it-Taljan bħala għodda għat-tagħlim. Il-Malti kien jidhirlu li għandu jinkiteb kif inhu mitkellem fil-bliet biex ikun Malti suffiċjenti, anzi għani u jkun jista' jinqeda bih kull min irid ifisser il-kunċetti tal-ħajja ċivili.

Vassallo miet qasir il-għomor fl-età ta' 51 sena fit-28 ta' Marzu, 1868 u jinsab midfun fil-Knisja tal-Karmnu, il-Belt.

Paolo Cesareo kiteb il-bijografija ta' Ġan Anton Vassallo fl-1868 bit-titlu ta' *Vita ed Opere del fu Professore Dr Gio – Antonio Vassallo,* jagħtina ritratt tiegħu b'dawn il-kelmiet:

*Vassallo kien ta' statura komuni, xagħru iswed. Kien jidher ħosbien iżda kien jaf ikun ferrieħi mal-ħbieb, serju u dinjituż fl-imġiba. Kien sempliċi fid-drawwiet tiegħu, eżatt fi dmirijietu, ħerqan fil-ħbiberija. Kien twajjeb ma' kulħadd u teneru. Kien konvint ħafna fit-twemmin Nisrani tiegħu waqt li l-imħabba lejn ir-reliġjon u l-imħabba lejn il-pajjiż kienu l-argumenti li kien iħobb l-aktar.*

Is-silta tal-qari magħżula minn kitbiet Ġan Anton Vassallo jisimha *Il-Ġurdien tal-Belt u l-Ġurdien tar-raħal*. Hija poeżija fil-forma ta' ħrafa imma li fiha l-poeta jlaqqagħna mad-dinja tas-sinjur u dik tal-fqir. Huwa jurina li fid-dinja mhux il-ġid kollox imma l-kuntentizza fil-qalb. Ta' min jinnota li f'din il-poeżija Vassallo jagħmel użu minn xi kliem Ingliż li kien beda dieħel fil-Malti, bħalma nsibu l-kelma brikfast għall-ikla tal-qawmien u t-tislima veriwell li jużahom b'referenza għall-ġurdien tal-belt li jirrappreżenta l-bniedem modern li jittieħed mill-ewwel mill-kultura barranija bla ma jqis xejn. Ejjew nisimgħu din il-poeżija flimkien:

Il-kanzunetta tal-lum hija ta' Tony Camilleri u hija l-poeżija ta' Ġan Anton Vassallo *Tifħira lil Malta*. Din hija poeżija popolari ferm mal-istudenti tagħna u turi l-imħabba kbira li Vassallo kellu lejn art twelidu. Fiha jfaħħar bil-bosta dak kollu li pajjiżna joffri, ibda mill-klima sal-frott bnin li taf tagħti l-art Maltija maħduma bi bżulija u għaqal mill-bidwi Malti. Tajjeb ngħidu li, kif jixraq, kuljum filgħodu fl-iskejjel tagħna jindaqq l-innu nazzjonali. Imma kien hemm żmien qabel inkiteb l-innu Malti li kienet titkanta din il-poeżija fl-iskejjel tagħna.

Il-kanzunetta – ***Tifħira lil Malta***.